L-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kumpanija
Malta International Airport p.l.c.
Luqa LQA 4000, Malta

# Malta International Airport p.l.c.

**It-33 Laqgħa Ġenerali Annwali**

**Avviż għall-Azzjonisti skont Regola 12.4 tal-Capital Markets Rules**

---

Data **17 April 2025**

Bil-preżenti qed jingħata avviż tat-33 Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Malta International Airport plc li ser issir fil-lukanda DoubleTree by Hilton Malta, Qawra, San Pawl il-Baħar, nhar l-Erbgħa 14 ta' Mejju 2025 fl-10.30 ta' filgħodu bl-iskop li jiġu kkunsidrati u, jekk jinħass li jkun sewwa, sabiex jgħaddu r-riżoluzzjonijiet li ġejjin.

***Riżoluzzjonijiet Ordinarji***

## Ħatra ta' Diretturi

Iż-żmien tal-kariga tad-diretturi maħtura skont l-Artikolu 55.1.2 tal-Artikli ta' Assoċjazzjoni tal-Kumpanija u li bħalissa għadhom jinsabu f'din il-kariga se jintemm fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li jmiss. Skont ir-rekwiżiti tal-Artikli ta' Assoċjazzjoni, il-Kumpanija kienet ħarġet avviżi għan-nomina ta' persuni biex jinħatru bħala diretturi. Il-Kumpanija rċeviet żewġ (2) nomini validi għall-ħatra ta' diretturi skont l-Artikolu 55.1.2.

Għalhekk:
(a) skont il-provvedimenti tal-Artikolu 56.4.2, mhux se ssir elezzjoni u dawn iż-żewġ nominati flimkien mal-appuntati skont l-Artikolu 55.1.1 għandhom jidħlu għall-kariga ta' diretturi; u
(b) ebda riżoluzzjoni ma hi meħtieġa f'din il-laqgħa għaliex id-diretturi huma maħtura skont l-Artikli ta' Assoċjazzjoni.

## Riżoluzzjonijiet - Negozju Ordinarju

1. illi d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Kumpanija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 u r-rapporti tad-diretturi u l-awdituri fuq dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, kif stipulati fir-Rapport Annwali, jiġu għaldaqstant hawnhekk approvati;

2. illi d-dividend gross finali ta' €0.2769231 għal kull sehem (net ta' €0.18) li jirrappreżenta ħlas gross ta' €37,467,692 jiġi approvat ; [1]

3. illi l-ħatra ta' PricewaterhouseCoopers bħala awdituri tal-Kumpanija tiġi approvata u illi d-diretturi jiġu awtorizzati li jiddeterminaw ir-rimunerazzjoni tagħhom.

## **Riżoluzzjoni - Negozju Ordinarju -** Vot Konsultattiv [2]

4. illi r-Rapport tar-rimunerazzjoni formanti parti mir-Rapport Annwali jkun approvat.

[1] Dan id-dividend finali jikkonsisti f'żewġ dividendi provviżorji ddikjarati mid-diretturi kif ġej: (a) dividend gross ta' €0.046154 għal kull sehem u (b) dividend gross ieħor ta' €0.18461538. Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq il-135,300,000 ishma maħruġin mill-Kumpanija s'issa.

[2] Vot konsultattiv iffisser li mhux vot li jorbot iżda huwa biss vot li permezz tiegħu l-Azzjonisti jesprimu l-opinjoni ġenerali tagħhom dwar dan ir-rapport.

## Negozju Speċjali – Riżoluzzjonijiet Straordinarji

5. illi d-diretturi tal-Kumpanija jkunu permezz ta' din ir-riżoluzzjoni awtorizzati għal kull fini u effett tal-liġi, inkluż, pero' mingħajr limitazzjoni, għal fini tal-artiklu 106 tal-Att dwar il-Kumpaniji u l-"Capital Market Rules" biex jixtri lura mis-suq kapitali sa massimu ta' 1,353,000 (miljun tlett mija u tlieta u ħamsin elf) sehem tal-valur nominali ta' Euro0.25 kull sehem tal-Kumpanija, bi prezz ta' mhux anqas min Euro3 kull sehem u mhux aktar min Euro7.38 kull sehem. Din l-awtorizzazzjoni qiedgħa tingħata għal perjodu li jibda jiddekorri fl-1 ta' Ġunju 2025 sal-laqgħa ġenerali annwali ta' wara din u biex l-ishma li jinxtraw mill-Kumpanija jiġu kanċellati u li b'hekk il-kapital azzjonarju tal-Kumpanija jiġi ridott bl-istess ammont.

6. illi l-klawsola segwenti tkun introdotta fl-iskopijiet soċjali fl-istatut (memorandum and articles of association) tal-Kumpanija bħala paragrafu markat (ao) fi klawsola 3 tal-istess statut, u li l-istess staut jiġi hekk aġġornat:

   *"To receive, from any assets held by the company pursuant to any of the provisions of this clause, dividends, capital gains, interest, and any other income derived from investments including income or gains on their disposal, rents, royalties and similar income whether arising in or outside Malta and profits or gains attributable to a permanent establishment (including a branch) whether situated in or outside Malta."*

B'ordni tal-Bord
24 ta' Frar 2025



**Louis de Gabriele**
Segretarju tal-Kumpanija

**<u>NOTA: IN-NOTI HAWN TAĦT JIRRIFLETTU R-REKWIŻITI TAL-KAPITOLU 12 TAR-REGOLI TAS-SWIEQ KAPITALI. KAPITOLU 12 TAR-REGOLI TAS- SWIEQ KAPITALI JIKKONTJENI NUMRU TA' DRITTIJIET TAL-AZZJONISTI LI JAPPLIKAW GĦALL-AZZJONISTI IRRISPETTIVAMENT MID-DISPOŻIZZJONIJIET TAL-ARTIKLI TA' ASSOĊJAZZJONI TAL-KUMPANIJA. GĦALDAQSTANT, SABIEX L-AZZJONISTI JAGĦMLU EVALWAZZJONI KOMPLETA TAD-DRITTIJIET TAGĦHOM GĦANDHOM JIKKONSULTAW UKOLL KAPITOLU 12 TAR-REGOLI TAS- SWIEQ KAPITALI FLIMKIEN MAL- ARTIKLI TA' ASSOĊJAZZJONI TAL-KUMPANIJA. F'KAŻ TA' KUNFLITT BEJN XI DISPOŻIZZJONI TAL–ARTIKLI TA' ASSOĊJAZZJONI TAL-KUMPANIJA U KAPITOLU 12 TAR-REGOLI TAS- SWIEQ KAPITALI, ID-DISPOŻIZZJONIJIET TA' KAPITOLU 12 TAR-REGOLI TAS-SWIEQ KAPITALI JIPPREVALU. KAPITOLU 12 TAR-REGOLI TAS-SWIEQ KAPITALI JISTGĦU JINSTABU FUQ IS-SIT WWW.MFSA.COM.MT.</u>**

## A. Data tar-Records

Dan l-avviż intbagħat bil-posta lill-azzjonisti kif reġistrati sa t-Tnejn 14 ta' April 2025. Huma dawn l-azzjonisti biss li huma intitolati li jattendu u jivvutaw fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

## B. Parteċipazzjoni u Votazzjoni tal-Azzjonisti

Kull azzjonist jista' jipparteċipa u jivvota fil-laqgħa f'wieħed minn dawn il-modi:

a) billi jattendi personalment għal-laqgħa; jew
b) billi jissottometti formula ta' prokura (form of proxy) lill-Kumpanija.

***(i) Attendenza Personali***

Azzjonist jista' jipparteċipa fil-Laqgħa personalment billi jattendi fiżikament għal-Laqgħa fid-data u fil-ħin appuntati fil-post fejn se ssir il-laqgħa (Ara "Admission Form").

***(ii) Parteċipazzjoni bi Prokura***

Azzjonist jista' jipparteċipa bi prokura billi jimla u jiffirma l-formola mogħtija lill-azzjonisti kollha flimkien ma' dan l-avviż u billi jibgħat din il-formola lill-uffiċċju tas-Segretarju tal-Kumpanija mhux anqas minn 48 siegħa qabel il-ħin appuntat għal-laqgħa.

Il-formola ta' prokura tista' tintbagħat lill-Kumpanija:

a) jew bil-posta fl-indirizz **<u>"The Company Secretary, Malta International Airport plc, Luqa LQA 4000";</u>** jew
b) b'mod elettroniku fl-indirizz elettroniku **<u>agm@maltairport.com.</u>**

Fil-każ ta' prokuri mibgħutin b'mod elettroniku lill-indirizz indikat hawn fuq, il-posta elettronika għandha jkollha anness magħha kopja tal-formola ta' prokura kompluta u ffirmata mill-azzjonist jew persuna hekk awtorizzata għan-nom ta' azzjonist li jkun korp ġuridiku/istituzzjonalizzat.

## C. Mili tal-Formola ta' Prokura

Azzjonist li jixtieq jipparteċipa fil-laqgħa bi prokura għandu jimla d-dettalji kollha mitlubin fil-formola ta' prokura b'mod komplut, ċar u preċiż. Dan jinkludi:

a) Billi jindika jekk l-azzjonist jixtieqx jappunta bħala prokuratur liċ-Chairman tal-laqgħa jew persuna oħra. Fil-każ li l-azzjonist irid jappunta bħala prokuratur persuna oħra li mhix iċ-Chairman tal-laqgħa, **<u>l-isem komplet, l-indirizz u n-numru tal-karta tal-identità</u>** tal-prokuratur għandhom jiġu indikati b'mod ċar u leġibbli fl-ispazju mħejji apposta;
b) Billi l-azzjonist jindika jekk jixtieqx li l-prokuratur jivvota kif jixtieq hu stess jew jekk jixtieqx li jistruwixxi lill-prokuratur kif għandu jivvota. F'kull każ, l-azzjonist għandhu jagħmel marka fil-kaxxa apposta fil-formola ta' prokura. Fil-każ li ma hemm ebda indikazzjoni, għandu jitqies li l-azzjonist awtorizza l-prokuratur li jivvota kif jixtieq hu, sakemm l-azzjonist ma jindikax kif jixtieq li l-ishma miżmuma minnu għandhom jiġu vvutati billi jimmarka n-numru tal-ishma jew jagħmel xi marka oħra approprjata maġenb ir-riżoluzzjonijiet rilevanti. F'dan il-każ il-prokuratur għandu jitqies li hu awtorizzat li jivvota biss kif indikat mill-azzjonist fil-formola ta' prokura.
c) Fil-każ li l-azzjonist jixtieq li l-prokuratur jivvota b'mod partikolari, huwa għandu jindika l-votazzjoni tiegħu fil-kaxxa apposta maġenb kull riżoluzzjoni. L-użu ta' salib jew marka (minflok it-tqegħid tan-numru tal-voti) fl-ispazju approprjat fil-formola ta' prokura taħt 'FAVUR', 'KONTRA', jew 'NASTJENI' għandu jiġi interpretat b'tali mod li l-azzjonist assenja l-voti kollha tiegħu jew 'FAVUR', 'KONTRA' jew 'NASTJENI' fir-rigward ta' dik ir-riżoluzzjoni, skont il-każ. Jekk salib jew marka titqiegħed f'zewg kaxxex minn tlieta għall-istess riżoluzzjoni, il-vot tal-azzjonist għal dik ir-riżoluzzjoni partikolari jkun invalidu. Kull riżoluzzjoni li titħalla mhux immarkata fuq il-karta tal-vot għandha titqies illi l-prokuratur qed jigi awtorizzat biex jivvota kif hu jixtieq.

## D. Parteċipazzjoni fil-Votazzjoni

Azzjonist li jixtieq jipparteċipa sempliċiment billi jkollu l-voti tiegħu kkunsidrati waqt il-laqgħa għandu jimla l-formola ta' prokura favur iċ-Chairman tal-laqgħa u jistruwixxi liċ-Chairman kif għandu jivvota f'kull riżoluzzjoni li tittieħed fil-laqgħa billi jimla l-kaxxi 'FAVUR', 'KONTRA' jew 'NASTJENI' fil-formola ta' prokura.

## E. Ammissjoni fil-Laqgħa

a) Sabiex ikun ammess, azzjonist għandu jippreżenta l-Karta tal-Identità tiegħu u *l-Admission Form* mehmuża ma' dan l-avviż.
b) Fil-każ ta' ishma miżmumin minn numru ta' persuni flimkien, minbarra fil-każ ta' ishma miżmumin flimkien bejn żewġ persuni miżżewġin, il-persuna li hi msemmija l-ewwel fir-reġistru tal-azzjonisti biss titħalla tidħol fis-sala tal-Laqgħa.
c) Rappreżentant ta' azzjonisti konġunti, li m'huwiex l-ewwel wieħed imniżżel fir-Reġistru, ikun biss eliġibbli li jattendi u jivvota fil-Laqgħa, jekk il-Formola ta' Prokura tkun ġiet eżegwita b'mod attendibbli favur tiegħu mid-detenturi konġunti kollha.
d) Fil-każ ta' ishma miżmumin b'mod konġunt mill-miżżewġin, il-mizzewgin, jew wieħed minnhom biss, jista' jattendi l-Laqgħa.
   Iżda:

   (i) Irrispettivament jekk il-miżżewġin, jew wieħed minnhom, attenda l-Laqgħa, jinħareġ dokument ta' votazzjoni wieħed biss u wieħed mill-miżżewġin biss ikun intitolat li jivvota; u
   (ii) Jekk ikunu jixtiequ jappuntaw persuna li tkun preżenti bi prokura, il-Formola ta' Prokura għandha tiġi ffirmata u eżegwita mill-miżżewġin.
e) Meta azzjonist jkun korp ġuridiku, assoċjazzjoni ta' persuni, fondazzjoni jew entità kollettiva oħra, rappreżentant rispettiv ikun biss eliġibbli li jattendi u jivvota fil-Laqgħa, jekk il-Formola ta' Prokura tkun eżegwita b'mod attendibbli favur tiegħu mill-organu kompetenti tal-entità li jirrappreżenta.
f) Azzjonist li huwa minuri jista' jiġi rrappreżentat fil-Laqgħa mill-gwardjan legali tiegħu, li jkollu jippreżenta l-Karta tal-Identità tiegħu flimkien mal-*Admission Form.*
g) Ammissjoni fil-Laqgħa tinbeda 90 minuta qabel il-ħin irriklamat.
h) Wara li l-Laqgħa tkun ipproċediet għall-iskop tagħha, id-dokumenti tal-votazzjoni jitkomplew jinħarġu sakemm il-Laqgħa tipproċedi sabiex jittieħed il-vot dwar l-ewwel oġġetti fuq l-Aġenda, sew jekk '*by show of hands*' jew '*by ballot*'. Wara dan ma jinħareġ ebda dokument ta' votazzjoni ieħor u dħul għal-Laqgħa ma jkunx permess.

## F. Abbozz ta' Riżoluzzjonijiet u Dokumenti

L-abbozz ta' riżoluzzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati u jittieħed vot dwarhom huma inklużi bħala parti integrali ta' dan l-avviż. It-test oriġinali u komplet tad-dokumenti sottomessi fil-Laqgħa, sakemm ma jkunux ingħataw lill-azzjonisti, ikunu aċċessibbli fl-uffiċċju reġistrat tal-Kumpanija u fuq www.maltairport.com.

Kopja ta' dan l-avviż flimkien mad-dokumenti kollha u l-informazzjoni rikjesta *fil-Capital Markets Rule* 12.11 huma aċċessibbli fuq www.maltairport.com.

## G. Votazzjoni

Il-Votazzjoni sseħħ '*by show of hands*' sakemm ma tintalabx votazzjoni b'poll minn persuna li, skont l-Artikli ta' Assoċjazzjoni tal-Kumpanija, tista' titlob votazzjoni.

**Is-segwenti japplika biss fil-każ ta' elezzjoni tad-diretturi:**

Jekk elezzjoni sseħħ b'votazzjoni b'poll in-numru totali ta' voti jista' jiġi applikat għal kull waħda mir-riżoluzzjonijiet.

In-numru ta' voti miżmumin jistgħu jinqasmu fi kwalunkwe proporzjon kemm favur kif ukoll kontra kull riżoluzzjoni jew astensjonijiet. Sabiex issir enfasi, azzjonist jista', jekk dan l-istess azzjonist jiddeċiedi li jivvota, jutilizza l-voti kollha jew parti minnhom, għal kull riżoluzzjoni fi kwalunkwe manjiera li l-azzjonist jixtieq. Fl-ebda każ, però, azzjonist ma jista' juża iktar voti milli hu intitolat għalihom. F'dak il-każ, il-vot tal-azzjonist f'dik ir-riżoluzzjoni partikolari jkun invalidu.

Azzjonist jista' juża parti mill-voti biex jivvota 'FAVUR' riżoluzzjoni partikolari u juża l-bqija tal-voti (jew parti minnhom) sabiex jivvota 'KONTRA' jew 'NASTJENI' l-istess riżoluzzjoni. Dan il-vot jibqa' validu sakemm l-azzjonist ma jaqbiżx in-numru totali ta' voti li l-azzjonist huwa intitolat għalihom.

## H. Dritt għall-Mistoqsijiet

Azzjonisti (kemm jekk b'mod personali jew bi prokura) huma mfakkra li huma intitolati jagħmlu mistoqsijiet li huma pertinenti u relatati ma' kull oġġett fuq l-Aġenda tal-Laqgħa – u li jkollhom dawn il-mistoqsijiet mweġbin mid-diretturi jew il-persuni li d-diretturi jistgħu jiddelegaw għal dak il-għan. Sabiex jiġu assigurati proċeduri effiċjenti fil-Laqgħa, id-diretturi jistiednu l-azzjonisti sabiex jissottomettu bil-kitba xi mistoqsijiet relatati mar-riżoluzzjonijiet, li għandhom jintbagħtu lis-Segretarju tal-Kumpanija, jew bil-posta "**The Company Secretary, Malta International Airport plc, Luqa LQA 4000**" jew b'posta elettronika fuq **agm@maltairport.com** sa mhux iktar tard minn **48 siegħa qabel il-laqgħa**. Filwaqt li d-diretturi għandhom jippruvaw iwieġbu l-mistoqsijiet kollha li jitressqu waqt il-laqgħa, dawk il-mistoqsijiet li jkunu ġew sottomessi bil-metodu msemmi hawn fuq biss ikunu intitolati għal tweġiba, provdut li mistoqsijiet imressqin għall-ewwel darba fil-laqgħa u li d-diretturi ma jkunux f'pożizzjoni li jagħtu risposta immedjata għalihom, jiġu mwieġba mid-diretturi wara l-Laqgħa, billi jdaħħlu r-risposta fuq is-sit elettroniku tal-Kumpanija.

**F'każ ta' ħtieġa ta' interpretazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet, il-verżjoni bl-Ingliż hija dik uffiċjali.**